# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tnejn (2/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2015, fis-2.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni..

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUZAT: | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Busuttil ċempel biex javza li mhux se jattendi peress illi kien ma jiflaħx. Hu kien skuzat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Laqgħa mas-Sur Ninu Zammit**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Zammit ma setax jattendi peress illi qed jirkupra minn operazzjoni. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jawgura fejqan ta' malajr lis-sur Zammit. Il-kunsilliera qablu.

**4. Punti mill-Minuti**

4.1 Il-Viċi Sindku fakkar illi l-bins [ref punt 3.1] saru minħabba li l-Kunsill ma kellux bins tajbin meta kien irċieva talba mill-kunsillier Carlo Stivala biex isiru bins mal-istages. Zied illi fil-katalogu li kien bagħat is-Segretarju Ezekuttiv, il-bins illi hemm fuq il-post xorta qegħdin fuq is-suq illum. Qal illi fil-fehma tiegħu, avolja hu mhux kontra li jinbidlu, l-użu tagħhom huwa minimu. Issuġerixxa li nirranġaw il-landi li hemm ħalli nagħtu apparenza aħjar mingħajr ma nonfqu ħafna flus.
Il-kunsilliera Joanna Adbilla qalet illi temmen illi għandhom jinbidlu izda l-Kunsill iddeċieda li għalissa nikunsidraw is-suġġeriment tal-Viċi Sindku.

4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu u s-Sindku ffirmaw kuntratt ta' ftehim mal-kuntrattur [ref punt 3.2] rigward il-manutenzjoni tat-tabelli 'Merħba Ħal Safi'.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva stima oħra għax-xogħolijiet neċessarji f'triq il-Karwija. L-istima ta' €2889.34 kienet ferm għola mill-ewwel stima li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti [ref punt 3.4]. Il-Kunsill qabel illi naħdmu mall-irħas wieħed. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll illi l-MIP ħadu ħsieb ix-xogħol fuq iz-zebra crossing.

4.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nxtraw it-telefons il-ġodda u nbidlet il-PABX ukoll [ref ount 3.9].

4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-istreet naming committee approvaw it-talba tagħna biex insemmu t-triq bejn iċ-ċimiterju sar-rounabout fejn hemm il-bandiera 'triq il-Karwija' [ref punt 3.10].

4.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi x-xogħolijiet neċessarji minn naħa t'EneMalta saru [ref punt 3.14]

4.7: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ġabar iċ-ċertifikat u t-trofew mill-MOC [ref punt 4.1]

4.8: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-vending machine ġie nstallat u hemm il-conduit pipe għas-sigurta [ref punt 11.3]

4.9: Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li sar bejn il-Kunsilli u TM, ġie spjegat illi waslu ħafna lmenti minn naħat tagħna illi l-vjaġġ għall-isptar sar twil wisq. Għal dan ir-raġuni l-karrozzi tal-linja mhux se jkomplu jgħaddu minn St. Lukes u se jmorru dirett sal-isptar Mater Dei [nrs 117 u 218]. Is-Sindku qal ukoll illi

mill-feedback li kellu hu hemm izjed sodisfazzjon rigward is-servizz illi hemm għall-Belt issa [ref punt 11.5].

4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ħa l-ittra għar-residenti kollha ta’ sqaq Santa Marija [ref punt 11.6].

4.11 Il-Viċi Sindku qal illi għad baqa ftit xogħol x’isir fl-area tal-Ħlantun [ref punt 11.8] fejn issa hemm bzonn ukoll xogħol ta’ manutenzjoni.

4.12: Is-Sindku qal illi sab illi hemm sistema ta’ dawl li taħdem bis-solar power li jemmen illi għandna nippruvaw għas-suġġeriment tal-kunsilliera Joanna Abdilla [ref punt 11.9]. Il-Viċi Sindku qal illi l-panelli għandhom isiru fuq galletta tal-arblu tal-bandiera u li għandna naraw fejn hemm id-dawl wara nofsinhar ħalli nieħdu ideja jekk se naħdmu b’din l-ideja.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi skond l-ispecs dawn se jagħtu massimu ta’ 6 sigħat dawl u hemm bzonn 8 sigħat ħalli jkun hemm full-charge.

4.13: Is-Sindku qal illi mar jara u hemm post fejn isiru post tal-parkeġġ [ref punt 11.11]

**5. Korrespondenza**

5.1: **Gal Xlokk**: F’laqgħa preċedenti l-Kunsill kien qabel illi nġeddu mal-Gal Xlokk u nħalsu l-membership ta’ €2500. Il-Gal Xlokk bagħtu ittra biex jgħidu li dan il-ħlas għandu jsir sa’ Ġunju 2016. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lil Viċi Sindku Francis Callus jekk kien hemm ftehim mal-organizzatur tar-reenactment illi l-Kunsill għandu jħallas għall-ikel/xorb tal-ħaddiema li kienu għenu qabel u waqt l-attivita peress illi l-Kunsill ma rċieviex l-ammonti li kien ħallas għal dawn meta rċieva l-ħlas lura għall-attivita. Il-Viċi Sindku qal illi kien ħareġ tender ta’ €17,500 u għall-ewwel il-Kunsill kien se jieħu ħsieb kollox. Wara kien hemm tibdil fin-negozju u kien hemm żewġ bidders fejn wieħed ħa l-attivitajiet kollha f’idejh. Qal illi dawn l-ammonti għall-ikel/xorb [ammont totali ta’ €650] intefqu bħala parti mir-reenactment u kellu ftehim mal-organizzatur illi dak kollu li jsir fir-reenactment għandu jiġi kopert. Qal ukoll illi dan l-istess persuna kien kiel magħhom wara nofsinhar fil-ġurnata tar-reenactment. Żied illi hu lest jiffirma ittra li għandha tintbgħat lis-sur Keith Abela [Force 5 Limited], u lis-sur Joe Attard [GAL Xlokk], kif ukoll lill-Manaġer/Segretarju tal-GAL Xlokk fejn ngħidu li għandna nieħdu dan il-flus. Qal ukoll illi kien hemm patt mas-sur Abela illi għandna nuzaw is-suppliers tagħna u dawn il-pagamenti kienu parti mill ftehim li kien allokat għas-suppliers tal-Kunsill. Qal illi jħoss illi l-ftehim mhux

qed ikunu onorat.

5.2: **Rampa: Mitħna tax-Xarolla:** Il-Kunsill taż-Żurrieq kienu qablu ma suġġeriment illi rċevew biex isir rampa fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Peress illi hemm il-possibilita li jidħlu fil-konfini tagħna biex isir dan ix-xogħol talbu l-kunsens tal-Kunsill ta' Ħal Safi. Indikaw l-area fejn hemm iz-zebra crossing bħala l-aħjar post biex isir ir-rampa. Il-Viċi Sindku qal illi ma qabilx li ssir hemm peress illi qatt ma kien hemm permess illi ssir iz-zebra cross u mhux se jerfa responsabilita jekk ikun hemm aċċident fuq il-post. Il-Kunsill qabel illi l-Kunsill taż-Żurrieq għandu jara li x-xogħol isir fil-konfini tagħhom.

5.3: **Nutrition Classes:** Wara li l-kunsillier Carlo Stivala kien esprima l-interess illi ssir dan il-kors fis-sala tal-Kunsill, il-Kunsill irċieva l-info li kien hemm bzonn fejn l-għalliema qegħda titlob €50/session u hemm 10 suġġetti għal dan il-kors. Fl-informazzjoni li bagħtet ma kienx ċar jekk dan ifisser illi se tagħmel 10 sessions. Wara li l-Kunsill jirċieva l-info li hemm bzonn naraw x'domanda hemm mir-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll illi preferibilment in-nies iħalsu lilha direttament.

5.4 **Neville Minuti: BOV:** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ffirma l-kuntratt [ta' 5 snin] ta' ftehim bejn il-Kunsill u l-BOV rigward l-ATM f'triq il-Ħajt Ruman. Il-Viċi għamel talba għar-rendikont tal-uzu tal-ATM bejn 2013 u 2015.

**6. Payment Approval Sheet**

6.1 Il-Payment Approval Sheet kien approvat u ffirmat. Il-Kunsill ifirma wkoll il-PAS preċedenti li ma kienx iffirmat fil-laqgħa ta' Jannar.

**7. Pjan ta' Ħidma**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk hemm opinjonijiet ġodda rigward il-Pjan tal-Ħidma. Ma kien hemm l-ebda punt mill-kunsilliera u approvaw il-Pjan.

**8. Baġit**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fost id-dokumenti għal laqgħa kien bagħat il-baġit tas-sena 2016. Spjega li se jiżdiedu l-ammonti dovuti rigward kuntratti peress illi mill-bidu ta' Jannar bdejna kuntratt ġdid rigward Soft Areas u peress illi sal-aħħar tas-sena hemm bzonn illi nevalwaw 5 kuntratti oħra. Qal illi ż-żieda mill-allokazzjoni mhux se tkun bizzejjed biex nispiċċaw break-even minħabba dawn l-ispejjez extra izda żied illi peress illi se nagħmlu sena sħiħi bir-rata ta' €10 per permess għall-high up, kif ukoll peress illi qegħdin naraw izjed kirjijiet għall-grawnd tal-futbol, hemm it-tama li naħdmu sew bid-dħul tas'sena, dejjem jekk noqogħdu attenti vis-a-vis l-ispejjez.

**9. Financial Statements**

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta l-Financial Statements ta' 2015. Qal illi hemm deficit ta' €4532 izda dawn għadhom 'unaudited' u l-ammont jista jinbiddel. Qal illi fil-F.S tas-sena preċedenti rajna deficit ta' €19000 wara li l-Kunsill ħallas għall-proġett kapitali mill-allokazzjoni tiegħu, u fost id-deficit tas-sena 2015 saru ftit pagamenti għall-dawn il-proġetti. Spjega wkoll illi l-Kunsill għandu madwar €130,000 liquid cash u avolja kien hemm deficit, il-Kunsill m'għandu l-ebda dejn. Flimkien mal-baġit li ġie ppreżentat ftit qabel qal illi fl-aħħar ta' 2016 hemm it-tama li noħorġu b'surplus għalhiex il-proġetti kbar illi l-Kunsill jixtieq iwettaq huma kollha dependenti fuq fondi.

**10. Jum Ħal Safi**

10.1: Is-Segretarju Ezekuttiv għamel talba għall-opinjonijiet tal-kunsilliera rigward il-Bord tal-Premju Onor. Il-Kunsill qabel fuq:

Is-sur Tarċisju Barbara [Ċerman]
Is-sur Eddie Bonello
Is-sur Publius Abdilla
Is-sur Ġiljan Bonello
Is-sur Pawlu Callus

Bħala relievers il-kunsilliera preżenti qablu li s-sur Jerome Busuttil jiġi kkunsidrat flimkien mal-lista tar-

relievers ezistenti

10.2: L-Aġenda se tinqara hekk:

Il-Ħadd 10 t'April: Re-enactment
Il-Ġimgħa 15 t'April: Wine and Pizza Night u kompetizzjoni tal-inbid
Is-Sibt 16 t'April: Premju Onor.
Il-Ħadd 17 t'April: Riċeviment fis-sala tal-Kunsill

**11. TCTC**

11.1 Is-Sindku qal illi s-sur Ray Abela, f'isem TCTC, ġie jara l-I.T Room u offra li għall-prezz ta' €700/sena [minflok €1250] isiru żewġ korsijiet fis-sena [basic u Ikids] u l-Kunsill jibbenifika billi jieħu 10 kompjuters, il-manutenzjoni tagħhom. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi aċċetta li jagħti kompjuter extra għas-Social Services u li TCTC se jieħdu ħsieb il-promozzjoni tal-korisjiet tagħhom. Il-Kunsill se jkun jista jikri l-I.T Room lil persuni oħra li joffru korsijiet izda dawn il-korsijiet m'għandhomx ikunu l-istess bħal dawk illi joffru t-TCTC. Il-Kunsill qabel mal-proposta

**12. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Sindku:

12.1 Is-Sindku qal l-istima għat-turf madwar ir-roundabout hija ta' €2000 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-muzew għamlu area ikbar għall-ammont ta' €1500. Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi fir-roundabout m'hemmx base. Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-emajl fejn intqal illi l-ammont huwa għax-xiri tat-turf kif ukoll 'additional soil or stone chippings' biex ikun hemm base. Il-Kunsill ippropona li nieħdu izjed stimi.

12.2 għamel talba biex fil-ġnien quddiem il-bini tal-Kunsill nagħmlu ġebel biċ-ċatt fuq il-ħajt eżistenti bil-ħaddiema tal-IPSL. Qal illi l-Kunsill ikollu jixtri l-materjal biss. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nagħmlu kantun ta' sitt pulzieri miċ-ċatti. Qal illi jaqbel illi jsir ix-xogħol u xtaq jagħmilha fil-leġislatura preċedenti.

12.3 qal illi l-Perit bagħat ir-rapport rigward il-problema tal-flooding f'triq Qerd in-Naħal. Din intbagħtet lil TM. Ir-rapport jispjega kif ix-xogħol sar ħazin mill-gvern fil-passat u mhux mill-Kunsill.

12.4 ressaq talba mis-sur Alexis Callus, f'isem Safi Drama Group, fejn jixtiequ jagħmlu attivita b'kollaborazzjoni mal-Kunsill fejn se jiġu żewġ mużiċisti barranin. Għamel talba biex bħala partners fl-attivita nħalsu parti mill-ispejjez għall-ikel u xorb. Din is-serata se ssir fil-kappella ta' Santa Marija. Waqt illi l-Kunsill qabel illi ngħinu, il-Kunsill qabel ukoll illi nissetjaw allokazzjoni għal dawn it-tip t'attivitajiet u ngħinu biss f'kaz illi l-Kunsill ikun parti mill-attivitajiet.

Il-Viċi Sindku:

Ma kellu l-ebda punti.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

12.5: għamlet talba biex nirranġaw [nizbawha] il-bollard tal-isqaq Santa Marija.

12.6: staqsiet dwar is-sitwazzjoni tal-garaxx taħt il-Berġa, u jekk huwa possibli li Safi A.F.C juzaw il-garaxx bħala premises. Il-Kunsill qal illi dik qed tinkera fil-preżent. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi huma għandhom japplikaw bħala NGO mal-Lands Dep. Hemm proċedura ta' tender u jdumu naqra. Il-Kunsill kien diġa ta l-informazzjoni lil Safi AFC, kif ukoll il-kunsilliera ppruvaw jgħinu wkoll bħala individwi.

12.7: Resqet ilment fuq wardens fejn persuna rċeviet ċitazzjoni fis-13.45 meta ma setatx tipparkja hemm wara s-2pm. Hi għandha turi provi li ċ-ċitazzjoni ħareġ mis-sistema qabel is-2pm u għanda tikkontesta billi tibgħat petizzjoni.

12.8: Staqsiet dwar il-possibilita li noffru kors ta' ECDL. Dan se jiġi diskuss mat-TCTC dalwaqt.

12.9: Staqsiet meta l-kuntrattur se jibda jagħmel ftit pjanti madwar ir-raħal. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan għandu jibda jixtrihom lejn l-aħħar tax-xahar [Frar].

12.10 Qalet illi hemm bzonn isir update tal-lista tal-anzjani. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi f'Novembru kien talab għall-update u kienu saru l-arranġamenti fuq il-lista antika.

12.11 Qalet illi l-KLZ se jagħmlu attivita fil-Pjazza nhar il-Ħamis tax-Xirka bħala parti mill-proġett tagħhom . Il-Kunsill qabel.

12.12: Għamlet referenza għat-tabella qasira [ta' 35km/hr] li hemm f'triq il-Karwija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ħaddiema tal-IPSL qalu li impossibli jgħolluha. Il-Kunsill qabel illi titneħħa minflok

12.13: Resqet talba biex norganizzaw trasport għall-Mixja tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill qabel.

12.14: Qalet illi kelna nagħmlu laqgħa rigward triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi ltaqa mal-Perit. Qal illi hu xettiku ħafna fuq il-pjanta għax hemm bzonn illi ngħollu s-service road ukoll minħabba l-problema tal-ilma. Il-Viċi Sindku fakkar illi kien tahom suġġeriment biex jagħmlu tippo ta' 'serp' fit-triq/bankina izda dan ma jistax isir minħabba l-ħajt illi għamlu issa.
Is-Sindku qal illi anqas ingħatat grade lill-qabar [A,B jew Ċ] minn naħa tal-Ħeritage u li huma għandhom ikelmu lill-TM. Hu qal illi fil-fehma tiegħu l-ħajt irid ikun uniformi ma taż-Żurrieq.

12.15: Staqsiet jekk il-kunsilliera għandhom attivitajiet illi jixtiequ jippromwovu via l-kalendarju. Ma kien hemm l-ebda risposta għax-xhar ta' Marzu. Il-Viċi Sindku qal illi għandu attivita għal Sette Ġunjo.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

Ma kellu l-ebda punt.

Is-Segretarju Ezekuttiv:

12.16: Qal illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kelmu qabel il-laqgħa u qal illi rċieva lmenti fuq il-fatt illi hemm id-dawl għal lejl sħiħ fil-ġnien tal-Ħelsien. Dan għaliex hemm photocell u mhux timer. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi peress illi l-post imwarrab qablet illi nuzaw timer minflok izda l-kunsilliera l-oħra xtaqu spjegazzjoni tal-ilmenti li hemm minħabba dan id-dawl. Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li nistennew l-ewwel kont biex naraw jekk il-Kunsill għandu jħallas ammont sostanzjali u wara naraw jekk huwa aħjar illi naħdmu bit-timer. Il-kunsilliera preżenti qablu.

12.17 Is-Sindku kellu punt extra rigward ġnien Dun Karm Vella fejn spjega li għandna nistudjaw sew l-options u nieħdu l-irħas u l-aħjar għazla. Il-Viċi Sindku spjega li hemm problema bil-cable taħt it-triq, izda s-sistema fil-ġnien hija tajba għax kollox xegħel bil-ġenerator. Bit-trenching qegħdin inħarsu lejn spiza kbira. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandu stima li tammonta għal fuq minn €1700 izda li qegħdin naraw options oħra

13. **Laqgħa li jmiss**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil-15 ta’ Marzu 2016

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |